**13 ta' Mejju, 1961**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija
*versus*
Angelo Spiteri

**Trasferiment ta' Vettura tal-Mutur — Avviż lill-Kummissarju tal-Pulizija — Reat Permanenti jew Istantaneu — Preskrizzjoni — Reg. 25 tal-G.N. 24/1948.**

*Ir-Regolament li jippreskrivi li kull min jittrasferixxi vettura tal-mutur lil ħadd ieħor għandu jagħti lill-Kummissarju tal-Pulizija, fi żmien sebgħa tijiem, avviż bil-miktub ta' dan it-trasferiment, u l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jkun ittrasferixxa l-vettura, japplika wkoll għall-każ meta dan it-trasferiment ikun sar biex il-vettura trasferita tiġi żmantellata ("scrapped").*

*Dan hu reat permanenti, u mhux istantaneu; u għalhekk il-preskrizzjoni tal-azzjoni penali kontra l-ħati ta' dan in-nuqqas ma tibdiex tiddekorri sakemm ir-reat ikun għadu fi stat ta' konsumazzjoni, u sakemm il-ħati ta' dan in-nuqqas ikun għadu fil-pożizzjoni li jwaqqaf l-istat antiġuridiku kreat bl-ommissjoni tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni kontra Angelo Spiteri quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli

f'dawn il-Gżejjer, f'dawn l-aħħar tliet xhur, bħala sid ta' char-a-banc 2630, naqas jagħti avviż bil-miktub dwar il-bejgħ tal-istess char-a-banc lill-Kummissarju tal-Pulizija, u jħallas id-dritt tat-twellija, u jagħti l-isem u l-indirizz tax-xerrej fi żmien sebgħa tijiem;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni biex il-Qorti tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mall-liġi;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' Frar 1961, li biha ddeċediet billi laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, iddikjarat l-azzjoni penali preskritta, u konsegwentement illiberat lill-imputat;

Rat ir-rikors tal-Attorney General, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li l-imputat jiġi dikjarat ħati skond l-imputazzjoni u kundannat skond il-liġi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ir-regolament operattiv f'din il-kawża hu dak nru. 25 tal-G.N. 24 tal-1948, li jgħid hekk:— "Any owner selling, scrapping, or otherwise disposing of his motor vehicle, shall within seven days thereafter, give notice in writing to the Commissioner of Police of such sale or disposal, the name and address of the purchaser or of the person to whom the motor vehicle has been transferred......";

Mill-provi prodotti mill-istess appellat jirriżulta li hu biegħ din il-karrozza lil ċertu Mizzi. Dan kissirha u biegħha parti parti. Parti minnha, ċioè il-"body" u x-"chassis", biegħhu lil ċertu Formosa, li żiedilha dak li kien hemm bżonn: u issa l-karrozza rikostruwita tfaċċat fuq il-linja tal-Gudja. Mizzi qal li hu mar għand l-appellat ra l-karozza. x'diskors kien sejjer jagħmel biha ma sarx, xtraha u ħadha fil-garage tiegħu;

L-appellant jippretendi li għalhekk ma kien hemm ebda reat da parti tiegħu; mentri hu ċar li, ladarba hu

ttrasferixxa l-karrozza lil Mizzi, anki kieku kien jissoponi li dan kien sejjer jiżmantellaha, kien imissu ta avviż lill-Pulizija; għax il-liġi t kkomprendi l-bejgħ u li "scrapping";

Ikkunsidrat, kwantu għall-preskrizzjoni eċċepita;

Bir-rispett kollu għall-Maġistrat deċidenti **in prima** istanza, din il-Qorti ma taqbelx li r-reat hu **istantaneu.** Għalkemm jibqa' dejjem veru dak li osserva l-kompjant Imħallef Dr. Robert F. Ganado fis-sentenza "Il-Pulizija vs. Bianco" 16 ta' Marzu 1934, App. Krim., fis-sens li hu rakkomandabbli li anki f'Malta isir dak li kien ġa sar minn żmien f'pajjiżi oħra, fejn id-diffikultajiet tad-determinazzjoni jekk reat hux istantaneu jew permanenti, li minnha jiddependi l-kors tal-preskrizzjoni, ġew superati b'liġi appożita dikjaranti espressament li taluni reati huma permanenti, u kompla jirrileva wkoll li f'Malta kienet ġiet abbozzata liġi simili fl-1929, li però ma ġietx inoltrata, eppure, ċjò non ostante, il-ġurisprudenza kopjuża li ffurmat ruħha fil-Qrati lokali tippresta kriterji suffiċjenti għas-soluzzjoni ta' pont simili;

F'dan il-każ din il-Qorti hi ta' fehma li r-reat hu permanenti; għaliex:—

1. Għalkemm ir-reat ġie konsumat malli ma ngħatax avviż fit-terminu prefiss mill-liġi, l-istess reat ma ġiex eżawrit, imma baqa' stat ta' konsumazzjoni, għaliex dejjem baqa' fil-poter tal-appellat li jwaqqaf l-istat antiġuridiku kreat bl-ommissjoni tiegħu inizjali;

2. Id-Difiża ppruvat issostni l-karattru istantaneu tar-reat in bażi għat-terminu imsemmi fir-regolament fuq ċitat. Iżda dottrinalment dak it-terminu hu biss indikattiv tal-mument inizjali tal-istat antiġuridiku, u ma jwassalx għall-preġudizzju irrevokabbli tal-interess tutelat mill-liġi; għax l-aġent jista' dejjem jottempera ruħu mall-liġi, għalkemm tardivament (App. Krim. "Pul. vs. Spiteri", 28 ta' Marzu 1960, u dottrina u ġurisprudenza fiha ċitati; u "Pul. vs. Concetta Caruana", 20 ta' Mejju 1916);

3. Jekk wieħed mbgħad iħares lejn l-obbjett ġuridiku tar-reat, ossija tad-dritt formanti oġġett tal-vjolazzjoni, għandu jsib l-istess li, peress li l-liġi riedet li l-Pulizija tkun tista' ssegwi t-trapass tal-karrozzi minn id għall-oħra għall-finijiet fiskali u għal skopijiet ta' ordni publiku, għalhekk, sakemm il-Pulizija tiġi privata li tilħaq dan l-iskop, u sakemm l-aġent jista' jirrimedja anki b'avviż tardiv, tibqa' l-permanenza tal-konsumazzjoni tar-reat (Garraud, Vol. I, p. 189; u App. Krim. "Pul. vs. Dr. Bartolo", XXXIV-543);

*Ir-reat kommess mill-appellat (li ma jikkontestax il-fatt)* konsegwentement hu ta' indoli permanenti; u kwindi l-preskrizzjoni hi eskluża;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-Attorney General, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara r-reat mhux preskritt, tiddikjara l-imputat ħati, u wara li rat ir-reg. 25 G.N. 24/48 u l-art. 17(1) Kap. 105, tikkundannah għall-piena tal-ammenda ta' £5, titħallas żmien ħames tijiem; u wara li rat l-art. 316 tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13, tordna li l-appellat, żmien erbgħa tijiem, jottempera ruħu mall-liġi taħt penali ta' 5s. għall kull jum ta' nuqqas.